MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 383/2011

**Vittorio Coppola**
**(Karta tal-identita' Taljana AN9919523)**

**vs**

**Gary Hearn**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-konvenut kera l-fond *Block F, Appartament numru 10, Belmonte Heights, Triq San Injazju, Sliema* minghand l-attur u dan permezz tal-kuntratt ta' lokazzjoni ffirmat nhar il-15 ta' Mejju, 2009.

Illi l-konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u hames mija wiehed u sittin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3,561.26c), rapprezentanti kera dovuta, servizzi ta' dawl u ilma.

Illi l-attur qieghed jillimita t-talba tieghu ghas-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c).

Illi l-konvenut gie interpellat drabi ohra anke permezz ta' ittra ufficjali numru *2096/2010* sabiex ihallas dan l-ammont u sahansitra ipprometta li se jaffettwa l-hlas, huwa xorta wahda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef hames mija wiehed u sittin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3,561.26c), flimkien mal-ispejjez legali u gudizzjarji tal-ittra ufficjali *2926/2010*, kif ukoll l-imghaxijiet u spejjez legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet elef hames mija u wiehed u sittin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3,561.26c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------